

Avviż dwar l-arranġamenti tranżitorji dwar ir-Regolament il-ġdid dwar l-inizjattiva taç-ċittadini Ewropej, applikabbli mill-1 ta' Jannar 2020

Mill-1 ta' Jannar 2020, se japplikaw [regoli ġodda dwar l-inizjattiva taç-ċittadini Ewropej](#).

Skont dawn ir-regoli, “*ir-Regolament (UE) Nru 211/2011 (“ir-regoli l-antiki”) jitħassar b’effett mill-1 ta’ Jannar 2020*” (ara l-Artikolu 26).

Ir-Regolament (UE) 2019/788 (“ir-regoli l-ġodda”) jipprovdi wkoll għal arranġamenti tranżizzjonali; jiġifieri “*l-Artikoli 5 sa 9 tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 għandhom ikompli japplikaw wara l-1 ta' Jannar 2020 għall-inizjattivi taç-ċittadini Ewropej li huma rreġistrati qabel l-1 ta' Jannar 2020* (ara l-Artikolu 27).

X'se jiġri mill-inizjattivi rreġistrati qabel tmiem l-2019 u li se jiġbru jew li diġà qegħdin fil-proċess li jiġbru d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ? L-organizzaturi se jkollhom jimmodifikaw il-formoli biex jiġbru d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ u s-sistemi ta' ġbir online tagħhom?

Kwalunkwe inizjattiva taç-ċittadini rreġistrata sal-aħħar tal-2019 se jkollha ssegwi r-regoli l-antiki għall-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ, u b'mod partikolari l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti tad-*data* dwar il-firmatarji. L-organizzaturi se jkollhom ukoll isegwu r-regoli l-qodma għall-użu ta' sistemi ta' ġbir online (individwali).

Dan ifisser li l-organizzaturi li għandhom ma bdewx il-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ online , għandhom jistabbilixxu s-sistema ta' ġbir online individwali tagħhom stess u għandhom jiksbu ċ-ċertifikazzjoni tagħha mill-awtorità rilevanti fl-Istati Membri fejn hija ospitata.

Għal inizjattivi li diġà qegħdin fil-proċess tal-ġbir, mhi se tkun meħtieġa l-ebda bidla f'dak li għandu x'jaqsam mal-formoli (u r-rekwiżiti tad-*data*) għall-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ. Lanqas mhi se tkun meħtieġa modifika tas-sistemi ta' ġbir online tagħhom.

Liema regoli għandha ssegwi inizjattiva rreġistrata qabel l-1 ta' Jannar 2020 ladarba tkun ġabret in-numri meħtieġa ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ?

Ir-regoli għall-validazzjoni tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġbura għal kwalunkwe inizjattiva rreġistrata qabel l-1 ta' Jannar 2020 mhumiex se jinbidlu.

Ir-regoli għas-sottomissjoni tal-inizjattiva lill-Kummissjoni lanqas mhu se jinbidlu. Mhux se jkun ebda skadenza għal dan, iżda l-organizzaturi għandhom ikunu konxji tal-perjodi ta' żamma speċifiċi għaż-żamma tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġbura (ir-regoli l-ġodda jipprevedu skadenza ta' 3 xhur, iżda dawn se japplikaw biss għall-inizjattivi rreġistrati wara l-1 ta' Jannar 2020).

Madankollu, ladarba jiġu ppreżentati, ir-regoli l-ġodda se japplikaw għal dak li għandu x'jaqsam mal-fażi ta' eżaminazzjoni; dan ifisser b'mod partikolari li l-Kummissjoni se jkollha skadenza ta' 6 xhur (minflok 3 xhur skont ir-regoli l-qodma) biex tagħti t-tweġiba tagħha.

X'se tkun id-data ta' skadenza biex il-Kummissjoni tipprovdi t-tweġiba tagħha għal inizzjattiva ta' suċċess ippreżentata fl-aħħar tal-2019? 3 xhur jew 6 xhur?

Fir-rigward tal-eżaminazzjoni ta' inizzjattivi ta' suċċess, għall-inizzjattivi ppreżentati lill-Kummissjoni qabel tmiem is-sena 2019, il-Kummissjoni se jkollha 6 xhur minflok 3 xhur biex tadotta l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni.

Il-kumitati taċ-ċittadini għall-inizzjattivi rreġistrati qabel l-1 ta' Jannar 2020 se jkollhom jimmodifikaw xi ħaġa għat-twaqqif eżistenti tagħhom?

Mill-1 ta' Jannar 2020, il-kumitati taċ-ċittadini se jissejġu gruppi ta' organizzaturi. Mhux se jkunu meħtieġa jibdli l-istruttura eżistenti tagħhom, iżda se jitħallew isegwu r-regoli l-ġodda u jżidu aktar membri jekk jixtiequ.

Madankollu, ma jistgħux jitħallew jistabilixxu entità ġuridika. Din il-possibbiltà se tapplika biss għall-inizzjattivi rreġistrati mill-1 ta' Jannar 2020.